

# Il-Għanja tar-Rebħa

## *Dun Karm*

## Nota

- *Il-Għanja tar-Rebħa* (1927) hija poeżija b**'tema patrijottika** u **romantika** għax turi l-imħabba lejn in-nazzjon Malti.
- F'din il-poeżija l-poeta jittratta l-ġrajja tal-Assedju l-Kbir tal-1565 biex il-Maltin jiftakru fir-rebħiet diffiċli ta' missirijiethom u jagħmlu kuraġġ fl-isfidi li kienu qed jiffaċċjaw f'dak iż-żmien.
- Dan għaliex fis-seklu 20 il-lingwa Maltija kienet għadha meqjusa inferjuri għal dik Taljana u b'hekk mogħtija l-ġenb fil-kitba tal-letteratura. Iżda Dun Karm kellu fehma differenti u għalhekk jagħżel li jikteb bil-Malti.
- Din it-tema patrijottika u romantika tispikka permezz tal-**vokabolarju** użat li jfaħħar lill-aspetti varji Maltin.
- Għalhekk, it-tema u l-vokabolarju jirriflettu mument ta' qawwa u għaqda nazzjonali fl-Assedju biex il-qarrej tas-seklu 20 iqum fuq saqajh.
- Din il-viżjoni ta' Dun Karm tidher ukoll f'poeżiji oħra bħal *L-Innu Malti* u *Għaliex? Jedd il-Lsien Malti*.
- **It-tekniki letterarji** wkoll jgħinu fl-iżvilupp tat-tema. Ngħidu aħna s-similitudni "ħarġet bħal ragħda minn ġo qalbek l-għajta" (v.61) turi kemm il-ferħ tar-rebħa tal-Maltin kien qawwi.
- **Il-binja tal-poeżija**: Il-poeżija hija mibnija fuq strofi kwartini b'versi endekasillabi u rima mqabbża (a-b-ċ-b) biex il-poeta jkollu l-possibiltà jesprimi ruħu fit-tul waqt li l-qari jkun mexxej u ritmiku.

Isem: ______________________________ Klassi: ________________

## Taħriġ fuq *Il-Għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm

### Taħriġ A: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Dun Karm juża bosta kliem ta' tifħir għal Malta u għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' dan il-ġens. Ikteb messaġġ ta' tifħir lil Malta tal-lum billi tuża erba' kelmiet mill-poeżija. Ikteb dan il-kliem fil-virgoletti.

2. Biex jenfasizza kemm il-Maltin huma b'saħħithom, Dun Karm jiddeskrivi fid-dettall il-ħruxija tal-għedewwa. Ikkwota żewġ versi li juru dan.

3. F'din il-poeżija minbarra t-tema patrijottika u romantika tispikka t-tema tar-reliġjon. Ikkwota żewġ versi li fihom il-poeta jirreferi għall-elementi reliġjużi.

4. Fl-istrofa ta' qabel tal-aħħar tissemma l-Ewropa. Kif din ir-rebħa tal-Maltin kontra t-Torok affetwat 'l-Ewropa?

L-Assedju tal-Forti Sant' Iermu mit-Torok fl-1565.



5. Fl-ewwel strofa Dun Karm jisħaq li din il-poeżija se jiktibha bil-Malti. Spjega għaliex jagħmel dan billi tagħmel referenza għall-isfond storiku taż-żmien li kiteb fih il-poeta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. Il-poeżiji huma miktuba biex iġiegħlu lill-qarrej jirrifletti. Agħżel l-aktar strofa li laqtitek mill-poeżija u ikteb għaliex. Ibda billi tikkwota l-ewwel vers tal-istrofa .

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. F'din il-poeżija Dun Karm jenfasizza l-għaqda nazzjonali li kienet tirrenja waqt l-Assedju l-Kbir. Ikkwota l-vers li juri li anke n-nisa Maltin ikkontribwixxew għar-rebħa kontra t-Torok.

______________________________________________________________________

8. It-termini letterarji jdaħħlu lill-qarrej aktar fit-test. Agħżel żewġ tekniki letterarji f'din il-poeżija u ikteb kif ħassejtek meta qrajthom.

| L-isem tat-teknika | Il-kwotazzjoni | L-effett fuq il-qarrej |
|---|---|---|
| | | |
| | | |

**Taħriġ B: Xi studenti għamlu dan il-kartellun dwar il-poeżija *Il-Għanja tar-Rebħa* iżda ġew f'diffikultà liema stampi għandhom jinkludu ma' din il-poeżija. Għin lil dawn l-istudenti jagħżlu l-istampi t-tajbin billi tikteb in-numru u r-raġuni għaliex huma addattati.**

**L-Għanja tar-Rebħa** ta' *Dun Karm*



















______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________